# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Sharon Grima**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Sharon Grima ID 456991M** u li permezz tagħhom ġiet imħarka talli fil-5 ta' Marzu 2015 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmla minnek li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda iffalsifikat jew biddlet, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrja, jew, xjentement, għamlet użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddiehor, mingħajr il-kunsens tas-sid; kif ukoll għamlet użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblem li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, kif ukoll biegħet merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

xjentement qiegħedet fiċ-ċirkolazzjoni, biegħet jew zammet għandha għall-bejgħ jew importat għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbħin b'qerq u ċioe numru ta' prodotti bil marka 'Paint Zoom' foloz jew ikkupjati.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li l-imputata, debitament assistit mill-Avukat dottor Tonio Cachia tenniet li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħha inkluż fis-sens illi għar-reati li għadha kif ammettiet għalihom tista' tingħata piena ta' priġunerija u wara li tagħtha ftit taż-żmien sabiex tiddeċiedi jekk hix sejra terġa lura minnha, l-imputata wieġbet li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Il-Qorti rat li fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata tqis li ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibha ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha;

# DECIDE :

li qiegħda ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha u wara li rat l-Artikoli 298(1)(a)(c)(f) tal-Kodiċi Kriminali tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma jkunx spedjenti li twaħħal piena iżda li peress li jissusistu r-rekwiżiti ai termini tal-Artikoli 7(1)(2) u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda tagħmel ordni li permezz tagħha qegħda tillibera lil ħatja bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena millum, u dan wara d-debita twissija dwar il-konsegwenzi li jitnislu fil-każ li hija twettaq reat matul il-perjodu ta' żmien aktar il-fuq imsemmi fis-sens li tkun tista' tingħata l-piena għar-reat li tiegħu ġiet misjuba ħatja b'din is-sentenza.

Inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li ġew maqbuda mill-Pulizija mingħand l-imputata in konnessjoni ma' dan il-każ.

***Mogħtija illum it-13 t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***